**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**12 ta' Settembru, 2021**

# 100 SENA TAL-LEĠJUN TA' MARIJA

Din il-ġimgħa se nikteb xi ħaġa fuq il-Leġjun ta' Marija li din is-sena qed ifakkar il-100 sena mindu twaqqaf fl-Irlanda fl-1921. F'Malta l-Leġjun ta' Marija daħal fl-1943. L-ewwel tentattivi biex jidħol fin-Nadur saru lejn is-sena 1959.

Il-Leġjun iħarreġ lill-membri tiegħu għall-appostolat bil-kuntatt persunali u biż-żjajjar fid-djar. Barra minn hekk, iħeġġeġ għat-talba tar-Rużarju.

Għalkemm bħalissa l-Leġjunarji ma jżuru id-djar minħabba l-Covid-19, il-laqgħat tal-praesidia qed isiru. Fil-fatt hemm 8 praesidia tal-kbar u 3 taż-żgħar li jiltaqgħu kull ġimgħa. Inħeġġu lill-ġenituri biex iħajru lil xi tfal. Bħalissa t-tfal qed jattendu San Blas nhar ta' Ġimgħa fit-3pm, f'Dar San Pietru u San Pawl nhar ta' Ħadd fl-10.30am u fi Triq ir-Ramla nhar ta' Ġimgħa fl-4pm.

Fix-xahar ta' Ottubru l-membri tal-Leġjun se jirreċtaw ir-Rużarju fil-knisja fis-6:05pm.

Fl-Erbgħat matul ix-xahar ta' Ottubru, il-Leġjunarji se jgħidu r-Rużarju fl-4:15pm fit-triq f'erba' postijiet differenti skont kif imniżżla hawn taħt:

6 ta' Ottubru - quddiem Ta' Kenuna
13 ta' Ottubru - Triq it-Tramuntana fejn il-Madonna
20 ta' Ottubru - Belvedere ta' Cocco Palmieri
27 ta' Ottubru - San Blas fil-partita

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**REMINDER**

Huwa importanti li kulħadd jibqa' jilbes il-maskra fil-knisja.
Nieħdu ħsieb xulxin!

**ROKNA EKOLOĠIKA: Postijiet miftuħa bis-siġar u l-pjanti**
Meta n-nies ikollhom arji pubbliċi bis-siġar u l-pjanti dan iġib 'il quddiem il-kwalità tal-ħajja. Dan joħroġ minn studju li sar minn Nutsford et al. fl-2013 wara li "anxiety and mood disorders incidence were less in people who had a short distance to usable green areas".

**AVVIŻI:**

**L-GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU SEZZJONI NADUR:** qed torganizza wirja, *In-Nadur, Drawwiet, Arti u Kultura*, f'Dar Dun Franġisk Grima, fi Triq it-Tiġrija. Hemm diversi biċċiet ta' arti għall-wiri, flimkien ma' kollezzjonijiet u diversi oġġetti u xtieli għall-bejgħ.

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sibt 11 ta' Settembru | 9:00am - 12:00pm | |
| Il-Ħadd 12 ta 'Settembru | 9:00am - 12:00pm | 5:30pm - 7:00pm |
| Is-Sibt 18 ta' Settembru | 9:00am - 12:00pm | |
| Il-Ħadd 19 ta' Settembru | 9:00am - 12:00pm | 5:30pm - 7:00pm |
| It-Tlieta 21 ta' Settembru | 9:00am - 12:00pm | 5:30pm - 7:00pm |

**AVVIŻ MILL-MUŻEW TAL-BNIET:** infakkru lil dawk il-ġenituri li ser ikollhom it-tfal bniet fil-Year 1 u 2 (2021/2022) biex jimlew id-dettalji kollha fil-consent form li ġabru u jimpostawha fil-kaxxa tal-ittri tal-Mużew tal-Bniet sa mhux aktar tard minn nhar mit-Tlieta, 14 ta' Settembru.

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa li ġej, 15 ta' Settembru, fil-Knisja Bażilika, fis-6:15pm. Ser titmexxa minn Francesco Pio Attard, PRO tad-Djoċesi tagħna u Editur tal-Ħajja f'Għawdex. Kulħadd huwa mistieden. Tkun imxandra wkoll diretta fuq *mnarjalive*.

**ROKNA CARITAS:**
Hemm persuna li trid tikri dar hawnhekk fin-Nadur. Il-persuna hija adulta u tgħix waħedha. Hemm min jista' jikri? Kellmu lill-Arċipriet għal aktar dettalji.

Koppja anzjana għandha bżonn assistenza magħha nhar ta' Ħadd mit-3pm sas-7pm. Tingħata rimunerazzjoni xierqa. Kellmu lill-Arcipriet.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**SALA PARROKKJALI: Is-Sibt:** fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am